MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 1163/2010

**Bayrak Operations International Limited**

**vs**

**World Express Logistics Limited u b'digriet tat-30 ta' Gunju 2011 giet kjamata in kawza s-socjeta Airmalta plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-10 ta' Novembru 2010 li jghid hekk:

Illi s-socjeta' rikorrenti nkarigat lis-socjeta' intimata sabiex titrasporta merkanzija minn Malta sa Tripoli sabiex tigi fdata lil terzi;

Illi fil-fatt il-merkanzija baqghet ma wasslitx fid-destinazzjoni b'dan illi s-socjeta' rikorrenti soffriet danni

konsistenti f'telf ta' merkanzija, hlas u spejjez maghmula mill-istess socjeta' rikorrenti kif ukoll danni kummercjali hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri;

Illi s-socjeta' intimata hija unikament responsabbli ghal danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti;

Illi minkejja interpellata anke permezz ta' ittra ufficjali datata l-1 ta' Ottubru 2010 sabiex is-socjeta' intimata tersaq ghall-hlas u likwidazzjoni ta' danni, din baqghet inadempjenti b'dan illi s-socjeta' rikorrenti kellha tressaq il-proceduri odjerni kontra l-istess socjeta' intimata;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, is-socjeta' rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lis-socjeta' intimata unijkament responsabbli ghad-danni kkagunati lis-socjeta' rikorrenti;

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti; u

3. Tordna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datat 1 ta' Ottubru 2010 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' intimata li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ingunti in subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta World Express Logistics Limited aktar il-quddiem imsejha WELT li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti sabiex tisma' dan il-kaz stante li a bazi tal-Istandard Terms and Conditions tas-socjeta' esponenti stante illi kwalunkwe talba jew kwistjoni rigwardanti s-servizzi tal-esponenti ghandhom jigu decizi tramite l-procedura tal-arbitragg;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja, is-socjeta' esponenti ma ghandha ebda

relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici u ma tat l-ebda servizz lis-socjeta’ attrici;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja u fil-mertu, l-esponenti dejjem espletat l-obbligi taghha b’mod diligenti u ma hemm ebda negligenza imputabbli lilha ghal kwalunkwe danni allegatament sofferti mis-socjeta’ attrici;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja, l-oggetti allegatament mitlufa li ghalihom is-socjeta’ attrici qed tilob id-danni gew rilaxxati fi stat tajjeb u intatt mis-socjeta’ esponenti lill-AirMalta plc u ghalhekk jekk sehhew xi hsarat jew nuqqasijiet meta dawn l-oggetti kienu taht il-kustodja tas-socjeta’ AirMalta plc dawn m’ghandhiex taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta’ esponenti u ghalhekk ghandha tigi kjamata in kawza s-socjeta’ AirMalta plc;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja u minghajr ebda ammissjoni ta’ responabbilita’, fl-eventwalita’ li din l-Onorabbli Qorti ghandha ssib xi htija fis-socjeta’ esponenti jigi rilevat illi kwalunkwe kundanna ghal likwidazzjoni u hlas ta’ danni ghandha ssir a bazi tal-artikolu 13 intitolat “*liability and limitation of liability*” tal-Istandard Terms and Conditiions of Trading vigenti ghas-servizzi li taghti s-socjeta’ esponenti;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta kjamata fil-kawza li tghid hekk:

1. Eccezzjoni: Preliminarjament, in-nuqqas ta’ locus standi tal-kumpanija attrici.

Fatti dwar din l-eccezzjoni:

1.1. Illi l-attrici Bayrak Operations International Limited ma hija indikata bl-ebda mod fl-airway bill Numru 643-MLA-0768-6442 li jirregola l-garr [anness bhala Dok. KM1 ma' din ir-risposta]. Fil-fatt, l-Airway bill in kwistjoni ssemmi lil certu Paul H Agius bhala "Shipper", "Al-Bayrak Technical & Oil Services Co Inc" ta' Tripoli bhala "consignee" u lill-konvenuta World Express Logistics Limited bhala "issuing carrier's agent".

1.2. Illi ghalhekk mill-atti gudizzjarji Bayrak Operations International Limited m'ghandhiex il-locus standi necessarju biex tintavola l-kawza.

1.3. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artikolu 13(3) tal-Konvenzjoni ta' Varsavja [illi hija applikabbli f'dan il-kaz stante illi l-Libja mhijiex firmatarja tal-Konvenzjoni ta' Montreal] li tghid illi huwa l-consignee illi ghandu dritt illi jfittex rimedju f'kaz ta' nuqqas ta' konsenja tal-merkanzija.

2. Eccezzjoni: Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn l-attrici u l-kjamata in kawza

Fatti dwar din l-eccezzjoni:

2.1. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fattwalment l-esponenti giet inkarigata ggorr il-merkanzija in kwestjoni minn World Express Logistics Limited u ghalhekk certament m'ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attrici Bayrak Operations International Limited.

3. Eccezzjoni: Fil-mertu, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici jehtieg tipprova li l-eccipjenti Air Malta plc hija b'xi mod responsabbli ghan-nuqqasijiet allegatament sofferti.

4. Eccezzjoni: L-attrici jehtieg ukoll illi ggib prova tad-danni sofferti

Fatti dwar dawn l-eccezzjonijiet:

4.1. L-attrici jehtieg illi ggib prova ta’ xi nuqqas tal-eccipjenti Air Malta plc li ikkawzalha danni.

4.2. Jehtieg ukoll illi ggib prova tal-quantum ta’ tali danni.

5. Eccezzjoni: Totalment minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit, f’kaz li l-eccipjenti tinzamm responsabbli ghan-nuqqasijiet allegatament sofferti, ghandha tigi applikata l-klawzola ta’ limitation of liability skond il-Konvenzjoni ta’ Varsavja.

Fatti dwar din l-eccezzjoni:

5.1. Illi kif ga ntqal, billi l-Libja mhijiex firmatarja tal-Konvenzjoni ta’ Montreal, ghandhom japplikaw it-termini tal-Konvenzjoni ta’ Varsavja kif indikat fil-kundizzjonijiet ta’ garr applikabbli ghat-titjira in kwestjoni [murija fuq in-naha ta’ wara tal-airway bill u hawn annessi bhala Dok. KM2] u ai termini tal-Avviz Legali 63 tal-2003 kif emendat.

5.2. Illi ghalhekk ir-responsabbilità tal-vettural hija limitata skond il-piz tal-merkanzija iddikjarata mis-shipper, kif spjegat fil-kundizzjonijiet tal-garr Dok. KM 2.

6. Illi ai termini tal-artikolu 158(3)(c) tal-Kap. 12, jigi dikjarat illi:

6.1. Ghar-ragunijiet imsemmija, il-fatti kif esposti fir-rikors guramentat tal-kumpanija attrici qed jigu ikkontestati u jehtieg li jigu ippruvati.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi.

Rat li l-ewwel eccezzjoni preliminari dwar il-gurisdizzjoni tal-Qorti moghtija mis-socjeta kovenuta WELT giet michuda b’sentenza parzjali ta’ din il-Qorti fit-12 ta’ Mejju 2011;

Rat illi l-kawza issa thalliet ghas-sentenza parzjali fuq it-tieni eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta WELT u l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta kjamata

Airmalta plc li huma l-istess cioe n-nuqqas ta' relazzjoni guridika taghhom mis-socjeta attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza fuq din l-eccezzjoni thalliet ghas-sentenza ghat-2 ta' Ottubru 2012.

**Ikkunsidrat**

Il-kwistjoni tas-socjeta attrici hi li l-istess socjeta inkarigat lis-socjeta konvenuta WELT sabiex titrasporta merkanzija taghha minn Malta sa Tripoli. Dan kien ser isir tramite s-socjeta Airmalta plc.

Il-kwistjoni kollha li ser tigi mistharga f'dan l-istadju hu jekk fil-fatt kienitx is-socjeta attrici li dahlet fi ftehim ma' wiehed jew iz-zewg konvenuti.

Ir-risposta cara taz-zewg konvenuti hi li huma ma ghandhom ebda relazzjoni guridika ma' din is-socjeta. L-iter ta' x'sehh ghalhekk hu importanti li jigi mgharbel ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza.

Jonathan Harmsworth, operations manager tas-socjeta WELT ighid illi Paul Agius talab stima minghandhom biex jibghat il-merkanzija in kwistjoni. Dan kien ghall-ahhar ta' Lulju 2010. L-istess Paul Agius inghata quotation li giet accettata minnu. Dan kollu sar b'e-mails li pero mhux esebiti fl-atti. Hi esebita pero l-istima a fol. 123 tal-process indirizzata lil <u>Paul Agius</u>. Kif inhi l-prassi Paul Agius intalab fattura li tkun saret tal-'consignee' ghal konsenja u dan biex jigu processati d-dokumenti tad-dwana u ssir il-prenotazzjoni mal-Airmalta ghat-trasport. Din l-e-mail tinsab a fol 35 tal-process datata 30 ta' Lulju 2010 u hi indirizzata lil <u>Paul Agius</u> bhala s-shipper u s-socjeta estera Al Bayrak Technical & Oil Services Co. Inc. bhala l-consignee. Is-socjeta konvenuta hejjiet id-dokumenti ghad-dwana biex din tigi rilaxxata ghall-esportazzjoni. Dan id-dokument datat 2 ta' Awwissu 2010 jindika lil <u>Paul Agius</u> bhala l-esportatur.

Il-merkanzija ngabet minghand Paul Agius, giet ripakkeggata mis-socjeta konvenuta u tlestiet l-airway bill dejjem a bazi tal-fattura mibghuta lilhom minn Paul Agius. L-airway bill a fol 127 tal-process tindika lil Paul Agius bhala shipper.

Il-fattura ta’ dak dovut lis-socjeta konvenuta flimkien ma’ kopji tal-airway bill u dokumenti tad-dwana ntbaghtu lil Paul Agius fil-5 ta’ Awwissu 2010 (fol. 129 tal-process). Ghalkemm ma jirrizultax li kemm referenza ghad-dokumenti annessi mal-fattura, din ix-xiehda mhix kontradetta mis-socjeta attrici.

L-istess xhud ighid li sema’ l-ewwel darba bil-kumpanija attrici meta nqala l-kaz ghax safejn jaf hu r-relazzjoni dejjem kienet ma’ Paul Agius.

Fl-affidavit tieghu a fol. 53 Paul Agius jiddikjara li hu direttur tas-socjeta attrici li giet registrata fil-25 ta’ Gunju 2010. Hu jghid ukoll illi xi gimghat wara s-socjeta konvenuta giet mitluba titrasporta l-merkanzija in kwistjoni. Dawn il-fatti jidhru kontradetti minn affidavit iehor ta’ Paul Agius a fol. 66 tal-process fejn hu jixhed li t-talba ghat-trasport tal-merkanzija saret f’nofs Gunju 2010 u illi fit-30 ta’ Gunju 2010 is-socjeta konvenuta baghtitilha stima bla kondizzjonijiet li giet accettata mis-socjeta attrici. Jikkonferma li fl-istess jum is-socjeta konvenuta baghtitlu korrispondenza bejnha u l-Airmalta fejn din tal-ahhar accettat il-booking. Fil-fatt jidher mill-atti illi l-istima saret fit-30 ta’ Lulju 2010 (ara Dok. JM1 fol 123 tal-process).

Jirrizulta wkoll mill-e-mails kollha esebiti mis-socjeta attrici mibghuta lis-socjeta konvenuta a fol. 69 et seq. tal-process, liema e-mails ikopru perjodu wara li kienet intbaghtet il-merkanzija u nqala’ l-inkwiet, illi dawn l-e-mails jirrizultaw mibghuta minn xi daqqiet minn Paul Agius, ohrajn minn Paul Agius bhala direttur tas-socjeta attrici u ohrajn minn Paul Agius bhala direttur tas-socjeta Advanced Telecommunications Systems Co. Ltd. Dejjem dwar l-istess kwistjoni.

**Ligi**

Il-Qorti tqis bhala addatata ferm ghal din il-kawza l-insenjament tal-Qorti fil-kawza **Carmel Brand Co. Ltd. Vs Michael Debono**, deciza fil-21 ta’ Marzu 2002 fejn intqal hekk:

Meta negozju jkun gestit minn socjeta` b’responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.

Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma’ akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta’ tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma’ individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistaxjippretendi mod iehor.

Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f’isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f’isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f’isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni.

F’dan il-kaz din il-Qorti tqis li s-socjeta attrici naqset bil-kbir milli turi illi fil-fatt il-kontrattazzjoni saret f’isimha u illi s-socjeta konvenuta u konsegwentement is-socjeta kjamata kienet a konoxxenza li kienet qed tikkontratta mas-socjeta attrici u mhux ma’ Paul Agius personalment.

Imkien ma rrizulta illi Paul Agius gharraf lis-socjeta konvenuta li kien rregistra l-kumpanija attrici fl-ahhar ta’ Gunju 2010. Dan seta’ ghamlu facilment meta talab quotation u inghata risposta. Invece jammetti li baghat il-fattura tal-merkanzija li ried jibghat lis-socjeta estera fejn hu mill-aktar car illi l-merkanzija kienet qed tintbaghat minn Paul Agius personalment. Ma dehrlux f’dak il-hin li javza lis-socjeta konvenuta li fil-frattemp cioe kwazi

xahrejn wara li saret il-fattura hu kien irregistra l-kumpanija attrici.

Jammetti inoltre illi hu rceva minghand is-socjeta konvenuta WELT kopja tad-dokumenti tad-dwana u l-airway bill kif ukoll il-fattura tas-servizzi moghtija mis-socjeta konvenuta WELT minghajr ma accenna jew ipprotesta mas-socjeta konvenuta li n-negozju ma kienx isir f'ismu izda f'isem kumpanija. Anki l-istess e-mails esebiti mis-socjeta attrici meta insorgew problemi fuq il-konsenja circa xahar wara, ma jurix b'mod car ma' min suppost kellha relazzjoni kummercjali s-socjeta konvenuta. Dan peress illi uhud mill-e-mails jindikaw lil Paul Agius personalment, ohrajn lil Paul Agius bhala direttur tas-socjeta attrici u ohrajn lil Paul Agius bhala direttur ta' socjeta ohra estraneja ghal proceduri odjerni.

F'dan l-isfond dak li jirrizulta car hu illi l-informazzjoni relevanti provduti lis-socjeta konvenuta fil-mument tal-kontrattazzjoni tan-negozju juri lil Paul Agius personalment bhala dak li kien qed jinnogozja mas-socjeta konvenuta u anki dik estera. Relevanti f'din il-kwistjoni hi e-mail mibghuta mis-socjeta estera cioe dik li maghha kontratta l-bejgh tal-merkanzija Paul Agius fejn fiha s-socjeta estera tindirizza lil Paul Agius bhala direttur ta' Advanced Telecommunciations Systems Co. Ltd. (ara e-mail 30 ta' Awwissu 2010 fol. 87 tal-process).

Il-Qorti ma tqis li bix-xiehda u dokumenti prodotti s-socjeta konvenuta kienet taf li qed tikkontratta mas-socjeta attrici meta l-provi juru illi Paul Agius qatt ma ghamilha cara li ma kienx qed jitratta f'ismu izda f'isem terzi.

Ghalhekk il-Qorti ssib li l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta li ma hemmx relazzjoni guridika mas-socjeta attrici hi gustifikata u fl-istess sens u aktar ghalhekk ghandha tintlaqa wkoll l-istess eccezzjoni tas-socjeta kjamata in causa, illi dato non concesso hemm relazzjoni bejnha u s-shipper, din ir-relazzjoni tezisti ma' Paul Agius mhux mas-socjeta attrici. Jinghad dan ghax fil-konfront tal-Airmalta, ir-relazjoni taghha kienet strettament mas-socjeta konvenuta l-ohra WELT u mhux mal-attur Paul Agius, billi

t-talba ghax-shipping tal-merkanzija sar mis-socjeta WELT vis-a-vis l-Airmalta.

**Decide**

Il-Qorti in konformita ma’ dak deciz, tilqa’ t-tieni eccezzjoni tas-socjeta World Express Logistics Limited u l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta Airmala plc u tiddikjara li ma tezisti ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici u kwindi tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------